Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9185 — LG Electronics/Lufthansa Technik/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 83/11)

1. Fit-22 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LG Electronics Inc., ("LGE", il-Korea t'Isfel),

— Lufthansa Technik AG ("LHT", il-Ġermanja).

— Impriża konġunta maħluqa reċentement (joint venture, "JV", il-Ġermanja).

LGE u LHT jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LGE: elettronika, apparat ta' telekomunikazzjonijiet mobbli u apparati domestiċi,

— LHT: magni, komponenti, manutenzjoni, tiswija u reviżjoni ta' ajruplani. LHT hija attiva wkoll fl-iżvilupp, id-disinn, il-manifattura u l-provvista ta' sistemi ta' ġestjoni tal-kabina tal-ajruplani u ta' sistemi ta' divertiment matul it-titjira (cabin management system/in-flight entertainment, CMS/IFE) u komponenti tas-CMS/IFE.

— il-JV: id-disinn, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-bejgħ tas-CMS/IFE u sistemi relatati mad-display.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9185 — LG Electronics/Lufthansa Technik/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").